# LECTIO DIVINA

# IL-ĦAMES ĦADD TAR-RANDAN (B)

## Ġw 12,20-33

Introduzzjoni

Din is-silta turi biċ-ċar li l-missjoni ta' Kristu fid-dinja qed toqrob lejn il-qofol tagħha. Ninsabu wkoll fl-aħħar parti tal-ħajja pubblika ta' Ġesù fejn hu jħabbar li "s-siegħa" waslet issa: il-mument il-kbir tal-*glorifikazzjoni*. Is-suġġett prinċipali jibqa' Kristu, li jeħtieġ li jitla' fuq is-Salib biex jiġi gglorifikat, u għalhekk kulħadd jikseb minnu s-Salvazzjoni. Għalhekk dawk li jixtiequ s-Salvazzjoni jeħtieġ li jimxu fid-dawl tiegħu.

**"Fost dawk li telgħu biex jaduraw lil Alla fil-festa kien hemm xi Griegi. Dawn marru għand Filippu, li kien minn Betsajda tal-Galilija, u talbuh: 'Sinjur, nixtiequ naraw lil Ġesù.'" (vv. 20-21)**

Dettal li għandu bħala suġġett ewlieni l-Griegi (Ελληνές, tr. ellenés). Dawn ma kienux (għadhom) pagani imma proseliti li ġew f'kuntatt mal-ambjent Lhudi jew ma xi Lhud fid-diaspora, u għalhekk laqgħu l-monoteiżmu Lhudi. Dawn, li kienu ġew bħala pellegrini f'Ġerusalemm biex jiċċelebraw l-Għid, semgħu bit-tagħlim u s-sinjali ta' Ġesù u xtaqu jiltaqgħu miegħu.

Ġwanni jinqeda b'dan id-dettall biex iwassal messaġġ ċentrali għall-missjoni ta' Kristu fid-dinja u hu għalhekk ħafna għall-qalb l-evanġelista: li anke l-pagani kienu qed joqorbu għas-saltna ta' Alla; l-*universalità* tal-imħabba u tas-salvazzjoni ta' Alla (ara 3,16-17; 1 Ġw 4,8-10). Eżattament qabel dan l-episodju għandna x-xena tas-Sinedriju mlaqqa'; il-Fariżej u l-qassisin il-kbar preokkupati għax *kulħadd* sejjer wara Ġesù u "kulħadd qed jemmen fih" (ara 11,45s).

**"Ġesu weġibhom: 'Waslet is-siegħa li fiha Bin il-bniedem ikun igglorifikat.'" (v. 23)**

Marbut mal-fatt ċentrali tal-imħabba ta' Alla għall-bnedmin kollha hu propju dan il-fatt li Kristu bħal donnu jniedi il-*qofol* tas-"siegħa" tiegħu quddiem dawn il-Griegi (b'oriġni Pagan, imma) b'qalbhom miftuha biex jilqgħuh. Fejn qabel Ġesù dejjem irrefera għas-"siegħa" bħala mument (jew avveniment) li għandu jseħħ fil-futur: "is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx", issa tidher li hija imminenti. Fejn qabel Ġesù kien jirreferi għas-siegħa bħala l-mument li fih hu kellu jiġi maqbud (ara Ġw 5,25; 7,30; 8,20), issa jirreferi għaliha bħala l-mument tal-glorja.

Hu propju f'dan il-waqt li fih Ġesù jagħlaq iż-żmien tar-rivelazzjoni divina permezz tat-tagħlim u tas-sinjali (li lkoll jippuntaw lejn direzzjoni waħda, i.e. kapitli 1 sa 12) u jiftaħ iż-żmien (il-ħin) *tas-sinjal il-kbir* (il-Passjoni Glorjuża ta' Bin il-bniedem, i.e. kapitli 13-20), li lejh kienu jippuntaw is-sinjali kollha li ġraw qabel.

**"Tassew, tassew ngħidilkom, jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott." (v. 24)**

Mill-ewwel jgħaddi biex jispjega l-v. 23 permezz ta' parabbola sempliċi; il-paradoss tal-ħajja permezz tal-mewt. Iż-żerriegħa hu Ġesù nnifsu li bil-mewt tiegħu, *ħafna* jiksbu l-ħajja. Mingħajr mewt m'hemmx ħajja, mingħajr tbatija m'hemmx glorja, mingħajr salib m'hemmx qdusija.

**"Min iħobb lil ħajtu jitlifha; imma min jobgħod lil ħajtu f'din id-dinja jħarisha għall-ħajja ta' dejjem." (vv. 25-26)**

It-triq li mexa l-imgħallem hija l-istess triq li jeħtieġ li jgħaddi minnha kulmin hu miexi warajh; id-dixxiplu. Minħabba li t-tmiem li kellu Ġesù hu magħruf, mid-dixxiplu tiegħu Ġesù jitlob radikalità, konvinzjoni u determinazzjoni.

"Għandkom ħila tixorbu l-kalċi li se nixrob jien?" (Mt 20,22). It-triq tad-dixxipulat hija t-triq tal-qadi, li l-konsegwenza prinċipali tagħha hija l-aċċettazzjoni tal-mewt. Huwa biss min jingħata *totalment* (kollu kemm hu) għall-imħabba (u mhux għal ħaġa oħra) li ħajtu tħalli ħafna frott, u li hu jkun qed idaħħal lilu nnifsu fil-ħajja ta' dejjem. Dan huwa l-ħlas marbut ma' dan l-atteġġjament kontinwu (atteġġjament ta' ħajja sħiħa); li wieħed wara li jkun mexa

l-istess triq tal-Imgħallem, ikollu ċ-ċertezza li mhux ser jintilef, għax ikun miexi fid-dawl tiegħu, u għalhekk jimxi fiċ-ċertezza li fl-aħħar ser jingħaqad miegħu.

**“‘Issa qiegħed inħossni mħawwad f’ruħi. U x’naqbad ngħid? Missier, eħlisni minn din is-siegħa? Imma jien għalhekk ġejt: għal din is-siegħa. Missier, agħti glorja lil ismek.’” (vv. 27-28a)**

Ġesù, għall-fatt li jaf x’ser jgħaddi minn għalih, jitħawwad. Bħal kull bniedem iħoss taqbida interjuri; kriżi, bejn li jagħżel dak l-aktar li jissodisfa jew inkella dak li fil-mument hu l-aktar diffiċli; dak li jiggwadanja minnu hu personalment jew inkella għażla li minnha jiggwadanjaw l-oħrajn; it-triq li minnha jista’ jevita t-tbatija kollha (u jasal għall-glorja) jew t-triq tat-tbatija u li eventwalment twassal ukoll għall-mewt tal-ġisem.

Għalhekk idur lejn il-Missier u *jitlob*... i.e. ikompli jibni relazzjoni. Fil-fatt frott din ir-relazzjoni (talb kontinwu) huwa joħroġ mill-*kriżi* u jkompli fit-triq skont ir-rieda tal-Missier.

**“Dak il-ħin instema’ leħen mis-sema: ‘Jiena diġà gglorifikajtu, u nerġa’ nigglorifikah.’” (v. 28b)**

Fil-fatt il-Missier jikkonferma mill-ewwel is-smiegħ tat-talba ħierġa mill-qalb frott relazzjoni perfetta. Il-vuċi tal-Missier hija konferma mis-sema mhux biss tal-missjoni u tal-eżitu ta’ Kristu fid-dinja imma hija wkoll konferma għall-Griegi li b’sinċerità u b’apertura, ħielsa mill-kompromessi ġew ifittxu lil Ġesù. Ġesù hu s-Sinjal ta’ salvazzjoni – glorifikazzjoni mhux tal-Lhud biss imma tal-umanità kollha.

**“Il-ġudizzju ta’ din id-dinja qiegħed isir issa. Issa se jitkeċċa l-prinċep ta’ din id-dinja. U meta nintrefa’ ’l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja.” (vv. 31-32)**

Żewġ azzjonijiet opposti li jseħħu fl-istess ħin: l-inżul ta’ Satana fl-infern frott it-telfa tiegħu, u fl-istess waqt l-irfigħ ’il fuq ta’ Bin il-bniedem frott ir-rebħa u l-glorja tiegħu (ara 3,14-15) Il-ġudizzju jseħħ skont ma l-bniedem ikun għażel; skont wara liema mgħallem għażel li jimxi; jekk hux wara l-prinċep tad-dinja jew inkella wara dak li jiġi merfugħ u gglorifikat.

*Meditatio*

- *Fl-għażliet iż-żgħar tal-ħajja ta' kuljum x'infittex l-aktar? Li nħobb lil ħajti jew li nitlifha?*
- *Kemm nixtieq nieħu bħala l-missjoni tiegħi (l-unika waħda tiegħi), li niffaċilità t-triq biex l-oħrajn jaslu għand Ġesù?*
- *Naċċetta li l-vokazzjoni tiegħi ta' saċerdot twassal għas-salib? Kif qed inġib ruħi fit-tbatija li titlob il-vokazzjoni? Kif qed inġib ruħi fil-ħajja tas-Seminarju?*
- *F'dan ir-Randan, kemm qed ngħaddi żmien inħares (nimmedita f'mumenti intimi) lejn dak li ġie merfugħ mill-art?*
- *Jirnexxieli nagħraf id-dnub tiegħi, biex imbgħad nesprimih u naħdem fuqu fil-foro interno (konfessur, direttur spiritwali, councellor)?*